sultan ta' warajh sar ħafna tixwix u ġlied. U dan, milli jidher, kien ta' ħsara mhix ċkejkna għall-Insara. U sewwasew, għal din il-qagħda ġdida li nħolqot li, fl-1810, sar kliem fuq elemosini biex jintbagħtu Ġerusalemm.

Id-deskrizzjoni tal-Palestina magħmula mir-Raheb Bernardu, fl-1870, turina li sa dak iż-żmien il-qagħda fil-Palestina ma kinetx għal kollox imgħarqa.

TMIEM

# IR-RABTA TAZ-ZWIEG FOST IL-MUSULMANI

## (KIF JINHALL IZ-ZWIEG)

L-għalqa li minnha, f'din il-kitba tagħna, sejrin niġbru xi ntietef 'l hawn u 'l hemm, hi miżgħuda b'għollieq u xewk mill-aktar niggieża. Xi aħbarijiet għariba għalina, imwieldin fiċ-ċivili Ewropa, jagħfsulna qalbna u jimlew bin-niket u bil-ħasra, l-iżjed lil dawk in-nisa li jaqrawha u li jafu aktar iħossu; iżda jistgħu jiswew ukoll — aħna żguri — li jqanqluhom biex aktar jinġibdu, iħobbu u jistmaw dejjem iżjed id-don tal-Fidi, ta' dik il-Fidi, li refgħet u għolliet il-mara f'qadgħa daqs ir-raġel quddiem Alla u, għaldaqshekk, ukoll għall-aħħar ħlas li qatt ma jintemm.

Il-mara wkoll, daqs ir-raġel hi bint Alla. Ġiet maħluqa minnu sabiex tkun is-sieħba tar-raġel, li magħha jafda l-ħsus kollha ta' qalbu, il-faraġ fin-niket tiegħu fl-għar siegħat ta' ħajtu. Aħna l-Insara, imdorrijin inħarsu f'din il-ħlejqa bil-ħass tal-Fidi, narawha bħala Anġlu mogħti mn'Alla lir-raġel, li għandha missjoni x'taqdi, ġewwenija u tas-sema.

Meta mbagħad, il-mara ntrabtet mar-raġel biż-żwieġ. Oh! hawnhekk, aħna ma narawx iżjed fir-raġel u l-mara tnejn min-nies, imma sura waħda mingħajr firda, sura waħda, hekk li f'widnejna dejjem jidwu dawk il-kelmiet solenni u ħelwin ta' l-Imgħallem Divin *"Et erunt duo in carne una!"* Tnejn f'sura waħda! Dawn il-kelmiet, li aħna ma nfissrux biss kif idoqqu f'widnejna tal-ġisem, imma li nifhmu fihom ukoll tifsira morali, spiritwali; u għalhekk, juruna wkoll għaqda tal-qlub, tar-rieda; hekk, li

miż-żewġ qlub tingħamel qalb waħda, miż-żewġ volontajiet issir rieda waħda. Infakkru wkoll, u ma qatt, dak il-kliem li ħareġ mill-qalb u mill-fomm tal-Feddej tagħna Ġesù: *"Dak li għaqqad Alla, ma jifridx il-bniedem!" "Quod Deus conjunxit, homo non separet"*. U fiż-żwieġ nisrani hemm sewwasew ir-rabta, il-għaqda msaħħa u mirfuda mill-imħabba li tiltaqa' fil-Mulej — imħabba għolja u eterna — u għalhekk, hija rabta, għaqda għalina qaddisa, għal dejjem u ma tinħallx.

*
* *

Min mhux iżda tar-reliġjon qaddisa tagħna ma jasalx jifhem sewwa x'inhi l-vera mħabba; u għalhekk, id-divorzju, it-tluq tas-sieħeb mis-sieħba jew tas-sieħba mis-sieħeb, ġrieħi mill-għar li bihom jimbed, jikber u jitkattar fid-dinja d-diżordni u mad-diżordni kull għawdċ ieħor bla qies.

Jekk inħarsu u niflu ftit fost dawk li huma tad-din ta' Mawmettu, aħna nsibu li t-telqa jew tkeċċija tal-mara hi ħaġa ta' sikwit, hi ħaġa ta' kuljum. Mara musulmana li ma waslitx ikollha tfal tista' tiġi mtellqha u mibgħuta għand missierha, u dan mingħajr ebda proċess. Tista' wkoll tiġi mtellqha għal għand missierha jekk għammielha, u tagħti lil żewġha biss bniet. U minn dan naraw il-ftit jew xejn siwi tal-mara fost il-Musulmani.

Iżda, xi ħadd mill-qarrejja jista' jwegħġibni: Xi ħtija imma għandha l-mara jekk ma għamlitx tfal jew xtrat biss bniet u mhux subien?... u, imbagħad, għandha l-ħtija tinxteħed fuq il-mara li m'għamlitx tfal? Jewilla, li m'għamlitx tfal ma jistax ikun ukoll ħtija tar-raġel?...... Ukoll aħna, li qegħdin niktbu, bħalkom naħsbuha, imma mhux hekk bħalna jaħsbuha dawk tad-din ta' Mawmettu. Il-mara għarbija tiġi żgur imtellqha minn żewġha u bis-setgħa kollha tal-Qorti jekk ħatja li bidlet il żewġha, jew jekk biss ikun hemm daqsxejn ta' suspett ta' din il-ħtija. U mhux rari il-każ li tiġi mtellqha wkoll minn żewġha għax ma jaqblux fil-karattru.

Minn dan wieħed għandu jifhem b'liema biża' tgħix ma' tul ħajjitha l-mara għarbija biex ma jiġux fit-tiġrib, li l-lum jew għadha, jiġu mtellqha minn darhom għal kull xejn, u jintefgħu fil-għaks, ġuħ u miżerji oħra, barra mill-għajb li jaqgħu fih għal ħajjithom kollha.

Il-liġi — il-liġi t'Alla u tan-natura — mhix magħrufa minn ulied il-Quran; l-għajnuna lil xulxin, li tagħder lil seħbitek, u l-liġi tal-maħfra għan-nuqqasijiet ta' wieħed lill-ieħor, mhix mifhmuma fid-Din ta' Mawmettu, għalhekk, l-imsiejkna mara musulmana ta' sikwit hi bħala biċċa għodda għall-kapriċċi u għal ġibdiet żienja ta' żewġha. Jekk dan hu raġel sewwa u ta' mġieba tajba, it-tiġrib ta' martu tista' li tiġi mkeċċija, ikun ftit il-bogħod jekk — Alla ħares qatt! — żewġha jkun aktar żjieni u bla raġuni, milli dehni u għaqli, Oh! allura, imsejkna mara, ma tkunx ħaġ'oħra ħlief vittma mgħakksa taħt saqajn il-kiefer tirann tagħha.

Wieħed bidwi, darba waħda, kien ġie mistoqsi mil-Missjunarju Kattoliku, il-għaliex kien żewweġ lil-ibnu li kien għadu ż-żejjed żgħir fis-snin. Il-bidwi wieġbu lil-Missjunarju: "Biex minn kmieni jserraħ il-ġibdiet ta ħsusu li huma fih u biex il-mara tilħaq tixtrilu ħafna subien u jibqa' miġbud lejha sakemm tkunlu żgħira". Iva, iva, jekk wara xi żmien il-mara miżżewġa ma tibqax togħġob iżjed lil żewġha,

dan jista' jitlaqha jew jieħu oħra, jew oħrajn flokha. U min ma jarax, għaldaqshekk li dawn id-drawwiet, imħarsin mil-Quran Mawmettan huma għal kollox kontrarji għal kull sens morali, għal kul ġid tal-familja, u għall kull ordni fix-xirka tal-bnedmin?......

U l-missier tal-mara mtellqha minn żewġha — jew min jidher floku — jagħmel kollox sabiex iwikkilha lil xi ieħor, jew ukoll lil xi t-tielet, u hekk jibqa' sejjer, biex jikseb xi ħaġa tal-flus minn fuqha.

Din hi tassew l-għaqda jew rabta ta' mħabba taż-żwieġ musulman!

Iflu w ifhmu ftit dan il-każ li sa ngħid hawnhekk.

Erba aħwa wieħed wara l-ieħor, iżżewġu waħda kuġina tagħhom (qalb il-musulmani jista' jsir dan is-sura ta' żwieġ) fi ftit żmien l-imsejkna ġiet imtellqha minn kull wieħed minnhom: mill-erba' żwiegħa. Tajjeb, wara li kienet ġiet mibgħutha mir-raba wieħed mill-aħwa, l-imsejkna għandha l-jedd li tarġa ssir il-mara legitma ta' l-ewwel wieħed li kien telaqha. Iżda... lil din il-mara għandha jewwilla, nsejħulha xxurtjata, jew aktarx disgrazjata?... Hi ħafna tqilha t-tweġiba f'każijiet hekk strambi u għariba bħal dawn.

U tistaqsuni, xi jsir mill-ulied imwieldin minn għaqdiet hekk għariba u strambi?... Aktarx jiġri dan f'każijiet bħal dawn: L-ulied is-subien jiġborhom il-missier; għal bniet, imbagħad jibqgħu fuq spallejn l-omm, jekk missirijiethom ma jkunux iridu jindaħlu għalihom huma. U min jaf, l-imsejkna omm kemm tkun trid iġġarrab niket u għaks sabiex trabbihom.

Xi wħud mil-qarrejja tagħna aktarx isibu esaġerati dawn ir-rakkonti tagħna li jiġru fid-din musulman; ma-dan kollu huma rakkonti storiċi, veri, u li għadhom jiġru sal-lum, fid-dawl tas-seklu tagħna XX qalb li jistqarru l-Quran ta' Mawmettu, l-qarrieqi jew mqarraq profeta, li biex iqiegħed fuq sisien sodi r-reliġjon minnu maħluqa ta' lid-dixxipli tiegħu u lil dawk kollha li fiha jinkitbu kull rehja għall-ġibdiet u għali ħsus l-ħżiena tal-bniedem.

* *
*

Kemm, tabilħaqq, aħna l-insara għandna mbierku u nfaħħru l'Alla u lit-tieba bla qies tiegħu li batgħna f'din id-dinja, mwieldin fi ħdan il-Knisja Kattolka, li tagħna bħala Ommna ta' l-akbar imħabba! Kemm għandna nkunu rikonoxxenti u nagħrfu kemm tabilħaqq jiswa d-Don tal-Fidi, don tas-sema, li jġagħlna nsiru lkoll — mingħajr ebda eċċezzjoni — ulied adottivi bi grazzja, li b'hekk qisna lkoll aħwa, u aħwa ta' l-istess Iben Waħdieni tal-Mulej, u li biex jifdina minn Luċifru u jagħmilna werrieta tas-Sema, ma rahiex bi kbira li jsir Huna Ewlieni.

Għal-ħsieb ta' dan il-ġid kollu tal-grazzja qalbna tiddewweb, ilsienna jinħall, isammagħ dak l-għana ta' tifħir u ta' mi-zik — ħajr il-lum u dejjem O Sidna, O Mulejna! Aħna nfaħħruk issa u dejjem, dejjem, fil-jiem kollha ta' ħajjitna, f'kull ħin sa l-eternità għal kbir don tal-Fidi! Agħmel, o Mulej, li nkunu dejjem, u dejjem fidili għall-hekk kbira tieba tiegħek, billi nżommu dejjem finha mingħajr mittiefes l-isem ta' ġieħ ta' "Uliedek Maħbuba", ta aħwa tal-Iben Waħdieni Tiegħek, Sidna Ġesù Kristu!......
Amen.